# PRESEPJU U PASTURI

minn Dr. Charles Cassar, M.D.

Hemm min jistaqsi: "Meta, u fejn bdiet id-drawwa tal-presepju? Il-hsieb tat-tweild ta' Kristu u z-zjara tar-rghaja beda fil-liturgija mas-seklu ghaxra, u ghalhekk nistghu nghidu li bdiet mas-sena elf, fuq midbah (altar) fejn id-djakni kienu jaghmluha minflok l-angli, li kienu f'daqqa wahda jistaqsu: "Quem queritis in presepe pastores dicite" li tfisser, "Ja Rghaja, lil-min qeghdin tfittxu fil-presepju?" u ohrajn li jaghmluha ta' rghajja, jghidu: "Lil-Feddej Kristu mulej taghna, tarbija fil-fisqija." Nahseb li dan kien isir fl-abazija tal-muntanja ta' Cassino.

Izda il-presepju bil-pasturi kif insibuh illum, nistghu nghidu li beda fis-seklu tliet mija, u ha izjed id-dawl bil-pasturi tat-tafal, fis-seklu erba' mija.

Kien il-qaddis tal-faqar, San Frangisk. li ghamel l-ewwel presepju f'ghar, fi Greccio, l-Italja. Nahseb li kienu dawk li mxew wara dan il-qaddis, li dahhlu fostna il-presepju u il-pasturi hawn Malta. Dawn il-pasturi jsiru mit-tafal. Ghall-ewwel dawn kienu jkunu libsin b'ghamla ta' hwejjeg taljani, izda meta dawn il-pasturi bdew isiru minn niesna, dawn hadu lbies iehor. Hawn Malta dejjem kellna nies jinqalghu biex jaghmlu dawn il-pasturi, u kont

issib nies ta' din is-sena, f'Ghawdex ukoll. Dawn il-haddiema tal-pasturi, li nistghu nghidu li bdew u trawmu ghad-dell ta' xi kunvent tal-Patrijiet Kapuccini, qabel ma xterdu fi bnadi ohra ta' Malta, kienu jaghmlu xoghol hill-ahjar, ghaliex barra li kellhom idejhom tajba, kienu jafu jaghzlu it-tafal tajjeb. Imghallmin maghrufa, tal-pasturi, kellna; Is-Sur Tabone mil-Furjana, Alla jahfirlu, kien maghruf bhala Percita. Il-hanut tieghu kie n Pjazza Sant'Anna, izda nqered bil-gwerra. Kien hemm iehor maghruf, joqghod il-Gudja, u kont tarah jahdem f'dar quddiem il-knisja, fuq il-ghadba tal-bieb. Imsemmi wkoll kien Guzeppi s-sagristan tal-kattidral t'Ghawdex, fil-Kastell. Din l-imhabba ghal-presepju u l-pasturi ilha hafna; barra l-presepju li jsir fid-djar, sa ftit snin ilu kien isir tal-gagazza. Niftakar li minn dejjem kien ikun hawn xi presepju li jkollu l- pasturi jitharku b'l-orologerija.

Bhala nsara, ahna mghandniex inhallu din id-drawwa tinqatgha minn fostna. Jiena nifrah meta nara li kull meta jasal il-Milied nisma li jitniedi xi konkors ghall-ahjar presepju f'Malta u Ghawdex.

------oOo------